MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2013

Numru. 1113/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sheikh Don Hashi Mahad ta` 23 sena iben Shehdon u Fatimo Mohammed, imwieled Somalia nhar il-1 ta` Jannar 1990, residenti 58, Valley Court, Flat 2, Triq il-Wied ta` L-Msida, Msida u detentur tan-numru tal-karta ta` l-identita 100917A

Talli;

Nhar is-6 ta` Novembru 2013 u/jew fi granet ohra gewwa dawn il-Gzejjer b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` imsijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila,setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta` haddiehor.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici f`serq ta` cekkijiet kif ukoll sabiex jissarfu l-istess cekkijiet, billi xjentement ghenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat jew b`xi mod sahhet il-volontra sabiex isehh id-delitt u dan sar ghad-dannu ta` Kateryna Zrinzo.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta` cekkijiet tal-Bank of Valleta, li l-ammont taghhom ma jeccediex il-valur ta` 232.94€

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe` cekkijiet, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reati, jew, xjentement, b`kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

U talli nhar is-6 ta` Novembru 2013 f`diveris hinijiet minn gewwa l-Gzira, kkommetta serq ta` flus kontanti, li l-ammont huwa ta` €400.40 li ghalhekk jeccedi l-valur ta` €232.94 imma ma jeccidiex il-valuir ta` €2,329.40.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 284, 285, 184 tal-Kapitolu 9

Il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi ddedotti kontra tieghu u ghal daqstant qiegheda tikkundanah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta l-Artikoli 28A Tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------